KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 20

**L-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 20.1 Qari tal-Apoloġiji

20.1.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mifsud Dimech kienet indisposta. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 18 u 19

20.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

20.2.2 Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku kien hemm qbil li jsiru żewġ emendi żgħar kif ġej:

Para. 18.3.2: It-tieni sentenza għandha taqra: *Min-naħa ta' Infrastructure Malta kienu infurmawh li wara li jitlesta l-proġett tal-parkeġġ tal-Knisja , kienu se jibdew ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq ir-Reġimenti Maltin*, fejn għandha tinbidel il-kelma tal-pjazza għal tal-Knisja.

Para. 18.8.12: Din is-sentenza għandha taqra: *Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha ssir struttura tal-injam madwar il-palma ta' ħdejn Binja Ġebel Dwejra*,sabiex tinbidel il-kelma madwar minflok dwar.

20.2.3 Il-minuti tas-seduta numru 18 u 19 ġew approvati. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 20.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-Perit ta' IM fejn dan kien infurmah li l-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol tal-parkeġġ tal-knisja kellu jieħu ħsieb ukoll il-bankina ta' Triq ir-Reġimenti Maltin. Is-SE se tieħu ħsieb li tkellem lill-kuntrattur.

20.3.2 Is-Sindku informa li kien sar xi xogħol min-naħa tal-Ministeru tal-infrastruttura minħabba l-problema tal-umdità fil-Kappella, skont speċifikazzjonijiet li għaddew iil-periti tal-Kunsill stess.

20.3.3 Huwa informa wkoll li kienet se tinżamm laqgħa mal-Perit David Vassallo rigward Triq il-Kavallier Bonello.

## 20.4 Proposta tal-FKNK

20.4.1 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat mill-FKNK biex jinstab lok biex titpoġġa guva għall-gamiem fl-Imtarfa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir fil-bosk, preferibbilment fin-naħa ta' ġewwa, ladarba l-Kunsill se jkun qed japplika għal fondi biex din iż-żona tiġi msebbħa.

## 20.5 Approvazzjoni tar-Raport Finanzjarju ta' kull kwart (Lulju – Settembru 2020)

20.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport permezz tal-*email*. Hija infurmat li l-*accountant* ma setgħetx tattendi għal-laqgħa imma kien se jsir kuntatt magħha xorta waħda sabiex tagħti spjega qasira dwar id-dettalji tar-rapport.

20.5.2 Hawnhekk is-SE għamlet kuntatt mal-*accountant* fejn hija tat l-ispjega tagħha u infurmat li l-Kunsill kien qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja tajba ħafna.

20.5.3 Il-Kunsill qabel li japprova dan ir-rapport, li ġie ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 20.6 Skema tal-MAGF – *Green Infrastructure*

20.6.1 Is-SE infurmat li waqt laqgħa li kellha mal-Maniġer tal-MAGF, ħareġ biċ-ċar li l-Kunsill seta' japplika għall-iskema tal-Green Infrastructure sabiex ikompli bil-proġett tal-bosk. Hija fakkret li l-Kunsill kien rebaħ is-somma ta' €30,000 mingħand Ambjent Malta u kienu saru bosta xogħlijiet ta' natura ekoloġika. Minħabba l-estent tal-post imma kien hemm bżonn ta' ħafna aktar fondi biex jitkompla x-xogħol.

20.6.2 Kien hemm qbil għaldaqstant li l-Kunsill idaħħal applikazzjoni għal l-iskema li ġġorr massimu ta' €50,000.

20.6.3 Hawnhekk is-Sindku talab lis-SE sabiex tikkonferma mal-MAGF kemm hu possibbli li l-applikazzjoni ġġor ukoll fondi biex jinxtara xi *mulch* u *bark* kif ukoll siġar għall-*planters* ta' bejn il-*barracks*.

20.6.4 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jqabbad lis-Sur Benjamin Camilleri, konsulent ekoloġiku mal-Kunsill, sabiex jagħmel rapport estensiv dwar il-*planters* ta' bejn l-ex *barracks* kif ukoll is-*soft areas* tal-lokalità.

## 20.7 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

20.7.1 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li fil-viċin se jiġi ppubblikat u varat il-ktieb dwar ir-reġjun Tramuntana. Is-SE talbet biex ir-Reġjun jgħaddilha kopja tal-parti li tirrigwardja l-lokalità tal-Imtarfa qabel ma jiġi ppubblikat.

20.7.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun kien se jagħti sa Eur1000 lil kull kunsill lokali sabiex jinxtara dawl dekorattiv tal-Milied ġdid u ssir pubblicità fuq il-mezzi soċjali li dan sar bil-fondi tar-Reġjun Tramuntana. Is-SE se tieħu ħsieb tikkoordina x-xiri ta' xi dawl dekorattiv.

20.7.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li fuq il-websajt tar-Reġjun daqt wieħed se jkun jista' japplika għal permessi eċċ onlajn.

20.7.4 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li min-naħa tar-Reġjun kienu se jgħaddu madwar 100 maskra lil kull Kunsill Lokali bl-arma tar-Reġjun.

20.7.5 Infurmat ukoll li min-naħa tar-Reġjun saret applikazjoni fuq l-iskema tal-*mobility* tad-DLG għal vann li jaħdem bl-elettriku. Hemm il-ħsieb ukoll li l-websajt tkun komda biex tintuża minn persuni li huma *visually impaired*.

20.7.6 Il-Kunsillier Mifsud preżentat kopja tar-Rapport ta' Kull Kwart tar-Reġjun Tramuntana fejn jidher li l-*financial indicator* huwa 121%.

## 20.8 Punti Oħra

20.8.1 Is-SE infurmat li kienet ħadet ħsieb tipprepara applikazzjoni dwar l-iskema tal-mobilità dwar il-bosk li se tagħlaq nhar il-Ġimgħa li ġej, għalkemm kienet għad ma kellhiex id-dokumentazzjoni min-naħa tal-perit li kienet infurmata li hija marida. Hija ġiet mitluba tagħmel kuntatt mal-perit biex tgħaddilha l-informazzjoni meħtieġa mill-aktar fis possibbli, u fin-nuqqas ta' dan għandha tibgħat nota lill-Perit inkarigat u tiġbidlu l-attenzjoni dwar in-nuqqasijiet.

20.8.2 Is-SE infurmat li min-naħa ta' *Cleansing Malta* kienu taw donazzjoni ta' 6 laned tal-iskart wara talba li għamlitilhom. Dawn se jitwaħlu dalwaqt.

20.8.2 Is-SE infurmat li kienu bdew jinqalgħu l-arbli ta' tad-dawl ta' Ġnien is-Sinjura għalkemm uħud mill-ħaddiema tal-kuntrattur kellhom jidħlu fi kwarantina u għaldaqstant jista' jkun li x-xogħol jimxi aktar bil-mod milli kien hemm maħsub minħabba din il-problema. Sadanittant infurmat ukoll li l-periti kienu għaddewlha suġġeriment kif jistgħu jeħlu l-biċċiet tal-*gym equipment* b'mod li jkunu siguri u li jkollha diametru ta' 3m. Il-Kunsill approva d-disinn.

20.8.3 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li fuq wara ta' Triq Konti Theuma Castelletti ma kinitx inkluża mal-offerta ta' Ġnien is-Sinjura u għaldaqstant ġiet mitluba tiddiskuti mal-enġineer tal-kunsill biex dan ix-xogħol isir ukoll. Is-Sindku talab lis-SE tara wkoll mal-Periti kif nistgħu nerġgħu niddiskutu l-kreazzjoni tad-*doggie park*.

20.8.4 Fuq talba tas-SE kien hemm qbil li għandu jinxtara *cupboard* ġdid għall-kċina tal-Kunsill minħabba li dak preżenti kien hemm periklu li jaqgħu l-ixkafef. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u ssuġġerixxa li jsir it-tibdil neċessarju biex il-kċina tkun prattika u bla periklu.

20.8.5 Is-SE infurmat li aktar kmieni kienet għaddiet kopja tal-minuti tas-sottokumitat tal-ambjent (kopja mehmuża). Hija qrat il-punti saljenti tal-minuti u dawn ġew approvati.

20.8.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kwotazzjoni mingħand is-Sur Vincent Zammit, storiku, li kien lest li jaħdem fuq l-iskript tal-video tal-*Visitors Centre*. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni. Sadanittant is-SE infurmat li kienet ġiet mitluba tgħaddi proposal lill-MTA b'aktar dettalji dwar miri u numru ta' nies lokali u turisti li kien beħsiebu jolqot il-proġett ħolistiku tal-VC u t-torri tal-arloġġ u kienet għadditilhom l-informazzjoni rikjesta. Sal-ġurnata ma kinitx għadha rċeviet risposta. B'kollox kien hemm il-ħsieb li l-video clip jiswa madwar €5,000 (inklużi r-riċerka u l-kitba tal-iskript għall-video kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż).

20.8.7 Is-SE infurmat li kienet daħħlet applikazzjoni mal-AKL għall-istudju għall-proġett ta' *Slow Streets* (wara kommunikazzjoni li saret permezz tal-email) għalkemm minħabba li ma kienx hemmkonfermi, ma kinitx saret applikazzjoni għall-iskema fuq l-istess proġett. Dan l-istudju kien se jsir għall-ispiża ta' €3000 (esklużi l-VAT) li iżda ġiet infurmata kienu se jiġu assorbiti min-naħa tar-Reġjun Tramuntana.

20.8.8 Hija infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tal-AKL li kienu se jibdew jaħdmu fuq l-offerta għall-kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ.

20.8.9 Is-SE infurmat li għalkemm il-Kunsill kien qabel li wara li ġie estiż il-kuntratt sal-aħħar ta' Lulju għax-xogħol tar-restawr tal-arloġġ, u ġie approvat ukoll perjodu li fih isir ix-xogħol ta' snagging, inħass il-bżonn li minħabba audits futuri, ikun jaqbel jekk il-kuntratt jiġi estiż sal-aħħar ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

20.8.10 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kommunikazzjoni lill-Kunsill biex jinnominaw 5 sportivi. Wara deliberazzjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jgħaddi dawn l-ismijiet:

Mark Gatt – kowċ tat-tim nazzjonali tal-futbol tan-nisa
Paul Ferrante – kowċ tal-basketball
Jonathan Pearson – Eks plejer tal-futbol tan-nazzjonal u lagħab fil-premier
Jean Paul Schembri – Plejer u kowċ tal-basketball
Denise Cortis – parteċipanta fi tlielaq u triathlons

20.8.11 Il-Kunsill fakkar lis-SE li għad hemm problema bl-ilma tax-xita fi Triq il-Pepprin. Hija ġibdet l-attenzjoni li hemm problema simili kważi f'kull triq ta' bejn il-*barracks* minħabba li meta saret ir-rikostruzzjoni ma sarux il-*culverts* fil-ġnubijiet. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir tarġa fuq nett bejn it-triq u t-taraġ fi Triq il-Ġiżi. Min-naħa tagħha s-SE ma qablitx ma' din il-proposta għaliex tkun ta' periklu kbir jekk persuna ma jindunax bit-tarġa u jaqa' għal isfel. Barra minn dan, ladarba l-Kunsill kien għadu jisħaqq mal-IM biex isiru xi xogħlijet ta' *improvements* kif it-triq għadha ġdida ma jistax jirranġa fuqha hu għaliex ir-responsabbiltà awtomatikament taqa' fuq il-Kunsill. Hija kienet se tibqa' tinsisti mal-IM biex isiru x-xogħlijiet ta' rimedju biex il-problemi kollha ta' bejn il-*barracks* jiġu solvuti min-naħa ta' IM. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Fenech qablu li se jmorru fuq il-post biex jippruvaw isibu soluzzjoni għal din il-problema.

20.8.12 Hawnhekk il-Kunsill talab lis-SE sabiex tipprova ssib soluzzjoni mal-periti biex issir pjanta u BOQ għal rampa fi Triq San Oswald.

20.8.13 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE li hemm problema ta' umdità fil-bitħa ta' resident li joqgħod fi Trejqet it-Tulipani. Hija infurmat li kienet marret mal-Perit u jidher li bejn il-*planter* u l-bitħa hemm il-qatran. Min-naħa l-oħra il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa fuq il-post mar-resident u l-perit tiegħu.

20.8.14 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li ssir tabella biex ma jintremax żibel fejn l-entratura ta' Binja Msieraħ.

20.8.15 Il-Kunsillier Mifsud issuġġeriet li ssir kompetizzjoni sabiex ir-residenti jżejnu darhom għal żmien il-Milied. Il-Kunsill kollu qabel mas-suġġeriment u se jinkludi tiżjin kemm barra kif ukoll ġewwa. Il-Kunsillier Mifsud flimkien mal-Viċi Sindku se jieħdu ħsieb li jinħoloq poster, isiru sett ta' regolamenti u jkellmu lill-entitajiet sabiex ikun hemm rappreżentant fuq il-ġurija (il-ġurija għandha tkun iffurmata minn membru miż-żewġ scouts, drama, nursery, u kunsillier).

## 20.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

20.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 10), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Christianne Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 20.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

20.10.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020 fis-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020.

Dr Daniel John Attard
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv